MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 744/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**Vs**

**Ivan Camilleri**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **IVAN CAMILLERI** ta' hamsa u tletin sena, bin Carmel u Mary nee' Veneziani , imwieled Pieta nhar it-23 ta' Gunju, 1975 u residenti 52 JB Flat 9, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 298375(M), gie mressaq quddiemha w akkuzat talli :-

1. Nhar l-24 ta' Gunju 2010 bejn l-erbgha w is-sitta ta' wara nofsinhar (4.00p.m. u is-6.00 p.m.) ikkommetta serq minn gewwa l-hanut Exquisite Jewellery li jinsab f'Hut 66, Crafts Village, Ta' Qali, Rabat, ghad-dannu tas-

sidien u diretturi ta' l-istess hanut u liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centesmu (€232.94) izda mhux elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37);

2. Nhar l-24 ta' Gunju 2010, bejn is-sebgha w nofs u t-tmienja ta' filghaxija (7.30p.m. u it-8.00 p.m.) ikkommetta serq minn gewwa l-hanut Super Gold Jewellers li jinsab f'Baystreet, Triq Santu Wistin, San Giljan, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, u liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37);

3. Fix-xahar ta' Gunju 2010, f'xi hin matul il-gurnata, ikkommetta serq minn gewwa l-hanut Sterling Jewellers li jinsab fi Triq ir-Republika, Valletta, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, u liema serq huwa aggravat bil- valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37);

4. Bejn l-1 ta' Lulju 2010 u it-18 ta' Lulju 2010, f'xi hin matul il-guranta, ikkommetta serq minn gewwa l-hanut Sterling Jewellers li jinsab f'Main Street, Paola, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut, u liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn u tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37);

5. Bejn l-1 ta' Lulju 2010 u t-18 ta' Lulju 2010, f'xi hin matul il-gurnata, ikkommetta serq minn gewwa l-hanut S. Debono Jewellers li jinsab f'Zabbar Road, Fgura, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta' l-istess hanut u liema serq huwa aggravat bil valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centesmu (€232.94) izda mhux elfejn u tliet mija w disgha u ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37);

6. Bejn l-1 ta’ Lulju 2010 u it-18 ta’ Lulju 2010 f’xi hin matul il-gurnata, ikkommetta serq minn gewwa l-hanut Ray’s Jewellers li jinsab f’Zabbar Road, Fgura, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta’ l-istess hanut, u liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn u tliet mija w disgha u ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centesmu (€2,329.37);

7. Fix-xahar ta’ Gunju 2010 f’xi hin matul il-gurnata, ikkommetta serq minn gewwa l-hanut Solid Gold Jewellers li jinsab fi Triq ix-Xatt, Sliema, ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta’ l-istess hanut, u liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centesmu (€2,329.37);

8. Bejn l-1 ta’ Lulju 2010 u it-18 ta’ Lulju 2010 f’xi hin matul il-gurnata, ikkommetta serq minn gewwa l-hanut Classic Jewellers, li jinsab fi Triq it-Trunciera, Bugibba ghad-dannu tas-sidien u diretturi ta’ l-istess hanut, u liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37);

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-22 ta’ Lulju 2010, u cioe’ fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9, u cioe’ li wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga’ lura minnha, w kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid, f'dik l-istess seduta tat-22 ta' Lulju 2010, li l-imputat ghandu problema akuta ta' tehid ta' sustanzi lleciti w li ghandu bzonn l-ghajnuna. Semghet lill-Prosekuzzjoni tghid ukoll li hafna mir-res furtiva giet ritornata lil sidha legittimu w dan wara li ddikjarat li globalment l-oggetti misruqa jammontaw ghal madwar tlett elef u sitt mitt Ewro (€3,600).

Illi f'din l-istess seduta tal-prezentata l-Qorti nnominat Probation Officer sabiex taghmel supervizjoni tal-imputat waqt li jgawdi mil-liberta' provizorja, w dan sabiex il-Qorti tara jekk l-imputat kellux verament ir-rieda li jehles minn dan il-vizzju t'abbuz tad-droga, w jekk huwa kienx lest li jghin ruhu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna, w f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi tad-droga jfiequ minn dan il-vizzju w kien ghalhekk li din il-Qorti m'ghaddietx biex taghti sentenza minnufih wara li l-istess imputat irregistra ammissjoni ghll-akkuzi odjerni.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema w min wera rieda tajba w affidabilita' w ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi ghalhekk din il-Qorti semghet lill-Probation Officer Antonella Spagnol tixhed diversi drabi sabiex tinformaha dwar il-progress tal-istess imputat waqt l-andament ta' dawn il-proceduri odjerni.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta’, li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha, w dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin. In sintesi, l-Probation Officer qalet li l-imputat illum il-gurnata qed jaghmel programm ta’ ditossifikazjoni wara li ghamel zmien gewwa d-Dar ta’ l-Impenn u f’Santa Marija. Tghid li l-*urine tests* li ghamel taw rizultat negattiv ghall-presenza ta’ droga w li l-imputat qed juri x-xewqa w ir-rieda li jibqa’ jsegwi dan il-programm, u huwa ghalhekk, fil-fehma taghha, li ma jkux ta’ gid la lis-socjeta’ w lanqas lill-imputat stess, jekk dan jintbaghat il-habs.

Ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, w cioe’ li l-imputat qabad it-triq it-tajba w qed jaghmel hiltu kollha sabiex izomm ‘il boghod mid-drogi, li huwa ghamel tajjeb ghal parti kbira tad-dannu li sofriet is-socjeta’ tant li hafna mir-res furtiva giet ritornata lil sidha. Rat illi hafna minn dawn l-akkuzi odjerni gew solvuti minhabba l-ko-operazzjoni totali tal-imputat waqt li huwa rrilaxxja l-istqarrija tieghu *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, w kien l-istess imputat li zvela l-partecipazzjoni tieghu kollha. Rat ukoll li apparti l-kaz in d’esamina l-imputat ghandu biss kaz wiehed registrat fuq il-fedina penali tieghu, li sehh fis-sena 2008 dwar hsara volontarja w talli kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq terzi persuni, meta nghata Conditional Discharge.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe’ Artikoli 17(b) u 279(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta, tiddeciedi li ssib lill-imputat IVAN CAMILLERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tiddeciedi li tikkundannah piena karcerarja ta’ sentejn prigunerija sospiza ghall-perijodu massimu permess mil-ligi ai termini tal-Artikolu 28 (1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w cioe’ ghal erba’ snin. Oltre dan tiddeciedi li tpoggih taht Ordni ta’ Supervizjoni ghat-terminu kollu tas-sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28 G tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w dan taht il-kundizzjonijiet imsemmija skond id-digriet anness, u dan bil-ghan li l-istess imputat ikompli jsegwi t-triq it-tajba.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju sabiex jissorvelja lill-imputat. Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex possibilment tigi nominata l-istess Probation Officer li kienet giet appuntata sabiex issegwi lill-imputat waqt li kien qed igawdi mil-liberta' provizorja f'din l-ahhar sena.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservaha.**

**Tordna wkoll li s-sentenza moghtija minnha illum tigi mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem mil-lum ai termini tal-artikolu 403(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma l-atti kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------